# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 296/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Shawn Borg**

Illum 13 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Shawn Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 71886(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Awwissu 2007 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data:

1. biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Novembru 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu u f'dan ir-rigward:

- ikkundannatu sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950), li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100) bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kellu jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut (*a fol.* 113 *et seq.*) ossia s-somma ta' mija, disgħa u tletin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€139.46) b'dan illi tali spejjeż kellhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza;

- ordnat ir-rilaxx tal-flus kontanti eżebiti bħala parti minn Dok. "NC 1" favur l-imputat;

- ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita u tal-oġġetti relatati mad-droga hekk is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument

kellu jiġi inserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax il-jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni, tħassar l-istess f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu għal sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950) u minflok tilliberah mill-ewwel imputazzjoni u tapplika piena alternattiva li tagħmel tajjeb għal każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 382 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fil-5 ta' Diċembru 2023 (*a fol.* 411) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fit-28 ta' Diċembru 2023 (*a fol.* 415) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata li minn riċerka li saret ma rriżultax li l-appellant kellu kawżi oħra quddiem il-Qorti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Novembru 2020. Fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok tilliberah minnha u tapplika piena alternattiva li tagħmel tajjeb għal każ.

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Skont ix-xiehda tal-Uffiċjal Prosekutur is-Supretendent Norbert Ciappara meta fil-31 ta' Lulju 2007 il-Pulizija mit-Taqsima ta' kontra d-Droga qabdu lil ċertu Pierre Muscat b'xi droga *cannabis* dan qal li kien xtara din id-droga minn għand Mark Brincat. Meta mistoqsi dan, Brincat qal li kien ġab id-droga mingħand l-appellant. L-appellant jikkonferma li huwa kien jagħmel użu mill-*cannabis* flimkien mat-tfajla tiegħu u ma' sħabu. Jgħid li huwa kien jixtri din is-sustanza għal użu tiegħu iżda nduna li kien qed jixtriha bil-għoli u għalhekk kien xtara ammont sabiex jikseb prezz irħas. Jisħaq li dan l-ammont inqasam minn nofs fejn parti ittieħdet minnu u t-tfajla tiegħu u parti oħra ttieħdet mill-ħbieb tiegħu inkluż Mark Brincat. Għandu jingħad li meta Mark Brincat xehed quddiem l-Ewwel Qorti huwa kkonferma l-verżjoni tal-appellant.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** (Numru 433/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għalhekk bħala regola[1] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u

[1] "u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża."

tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[2]"

Illi din l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta dwar is-sentenza appellata minħabba li skont huwa saret applikazzjoni skorretta u/jew inkompleta tal-liġi meta sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni. Jargumenta li fil-kors tal-ġbir tal-provi rriżultaw neqsin l-elementi essenzjali tar-reat inkwadrat fl-istess imputazzjoni u jisħaq li dak li rriżulta kien xenarju ta' pussess kollettiv tad-droga *cannabis*. Jispjega li dan l-element irriżulta kemm fil-forma effettiva tiegħu kif ukoll fil-forma kostruttiva

[2] "U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali."

tiegħu. Jilmenta li kien proprju fuq dan li, skont hu, l-Ewwel Qorti naqset meta hija ma applikatx il-kunċett ta' pussess kostruttiv fil-formula interprettativa tal-ġudizzju tagħha.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-appellant li dak li rriżulta kien pussess kollettiv tad-droga in kwistjoni minħabba li hu aġixxa bħala mandant għal sħabu sabiex jixtri sapuna *cannabis*. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijet **Il-Pulizija vs. David De Cesare** (Numru 474/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-kunċett ta' dritt li jsawwar l-"iskuzanti" għar-reat ta' traffikar jew kif inhu aħjar imsejjaħ it-*trafficking by sharing*, fejn allura hija prevista piena aktar miti minn dik tassattiva tal-priġunerija, ġiet introdotta fil-liġi tagħna permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006. Il-ħsieb tal-leġislatur mal-promulgazzjoni tal-emenda ġie imfisser hekk:
>
> > "Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, *sharing* u mhux *sharing* – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għal min qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-*sharing* imma qed ngħidu li fil-każ ta' *sharing* mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja.
> >
> > Din l-emenda qed nagħmluha b'tali mod li ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jużaha sabiex ma jmurx il-ħabs meta ħaqqu jmur il-ħabs. Qegħdin ukoll noħolqu l-parametri u nagħtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qegħdin ngħidu li <u>d-</u>

> droga li kellu ma kenitx sabiex jagħmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tiegħu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi ħadd ieħor. Barra minn hekk l-akkużat jista' jikseb dan il-benefiċċju għal darba waħda biss, jiġifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx bagħtitu l-ħabs fil-każ ta' *sharing* u dan jerġa' jikkommetti reat ieħor ta' *sharing*, ikollu jmur il-ħabs bilfors, bil-piena minima karċerarja ta' sitt xhur.[3]"

Dan ifisser illi l-leġislatur kellu f'moħħu dawk il-persuni li jkunu fil-pussess tad-droga f'ammonti żgħar u li ma għandhomx l-intenzjoni jagħmlu qliegħ minnha, iżda biss li jikkonsmawha huma stess jew inkella li jikkonsmawha ma' ħaddieħor. Dan ifisser allura illi f'dawn il-każijiet biss it-traffikar, li allura jinkludi kull provvista ta' sustanza illeċita lil terzi, jista' iġorr piena alternattiva għal dik karċerarja. Illi din il-mitigazzjoni fil-piena hija estiża ukoll għar-reat tal-pussess aggravat.

Illi mid-diċitura tal-liġi joħroġ l-element formali tar-reat u ċioè l-ħsieb pre-ordinat magħmul mill-ħati illi jikkonsma dik id-droga li jkollu fil-pussess tiegħu fl-istess post u fl-istess ħin ma' oħrajn, liema intenzjoni toħroġ iktar ċara mill-qari tat-test Ingliż fejn jingħad illi ***"the offender intended to consume the drug on the spot with others."*** Dan ċertament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn il-ħati ikun akkwista d-droga bl-intenzjoni li jgħaddiha lil terzi kif ġara f'dan il-każ, li huwa każ ċar u klassiku ta' persuna li qed tindaħal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-każ kokaina) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bħal fil-każ indikat mil-leġislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbagħad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess ħin li kienet qed tikkonsmaha hi, bħal per eżempju dik il-persuna li jkollha xi *joint* u tiddeċiedi taqsmu ma'

[3] "Seduta Parlamentari Numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006."

> ħaddieħor. Minn dak li jgħid l-appellanti stess huwa ġie inkarigat sabiex jakkwista d-droga għal ħaddieħor, tant illi ġie mgħoddi l-flus mingħand sħabu li ma jsemmix min huma, sabiex huwa jakkwista l-kokaina għalih. Allura hawn temerġi l-figura tal-mandant, li qed jiġi mibgħut minn ħaddieħor biex jakkwistalu d-droga – figura li ċertament ma tistax tinkwadra ruħha fid-definizzjoni tal-liġi tat-*trafficking by sharing*. Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq iċċitat u tagħmlu tagħha. Fil-każ odjern ma jirriżultax pussess kollettiv tad-droga. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li mix-xiehda mogħtija mill-appellant fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 250 *et seq.*) huwa jikkonferma li għalkemm huma kien jixtri ammont ta' *cannabis* huma dan kienu jaqsmuh bejn erba' iżda jikkonferma wkoll li din il-*cannabis* huma ma kienux ipejpuha flimkien biss. Dan huwa rifless fit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tal-appellant fejn hemm hekk (*a fol.* 267):

Pros.: "U fuq din l-okkażjoni li mort int, il-bqija tad-droga li kien jibqgħalkom, kontu tikkunsmawha meta terġgħu tiltaqgħu dejjem jew imbagħad kulħadd għal rasu?"

Xhud: "*On a daily basis*, kulħadd għal rasu."

Pros.: "Imbagħad jagħmel hu biha, mhux bil-fors tkunu flimkien biex niftehmu."

Xhud: "Mhux bil-fors inkunu flimkien."

Pros.: "Imma inti stess."

Xhud: "Ma nixtrix pakkett sigaretti u rrid inpejpu f'ġurnata bilfors jekk inpejjep tnejn."

Pros.: "Jekk ikollok aptit wieħed u tkun waħdek ser taqbad u tagħmel *joint*."

Xhud: "Eżatt."

Pros.: "U l-oħrajn l-istess kienu ser jagħmlu?"

Xhud: "Eżatt."

Illi jkun hemm pussess kostruttiv meta wieħed għandu kontroll ta' dak l-oġġett minkejja mhux qiegħed f'idu. Mix-xiehda hawn fuq ċitata jirriżulta li l-partijiet kollha kienu liberi li jagħmlu użu mill-parti tad-droga li tkun messithom kif riedu, tant hu hekk li Mark Brincat inqabad jittraffika s-sehem tiegħu. Di piu' s-sapuna tal-*cannabis* kienet tinqasam bejn l-erbat iħbieb f'partijiet indaqs u wara s-serata ta' tipjip kollha kienu jieħdu l-parti tagħhom magħhom. Lanqas kien il-każ li l-*cannabis* kienet titħalla għand persuna minnhom u kulħadd kien ikollu aċċess għaliha bħal ma ġie spjegat fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Ellul** (Numru 10/2001) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk dwar pussess kostruttiv:

> "L-appellant jenfasizza l-importanza ta' l-aċċessibilita' libera. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fattur mhuwiex determinanti biex jistabilixxi jekk hemmx il-pussess. Persuni jistgħu jiftehmu li jakkwistaw droga, tinżamm minn wieħed minnhom u kollha jistgħu jmorru għand dik il-persuna biex jieħdu s-sehem tagħhom jew biex jikkonsmawha flimkien. Persuna tista' titlob jew tordna persuna oħra biex iżżommilha droga f'post żgur u meta tkun trid tuża jew tieħu minnha, tmur għaliha għand min qiegħed iżommhielu."

Illi għalhekk kellha raġun l-Ewwel Qorti meta skartat it-teżi mressqa mill-appellant meta saħaq li kienu nieqsa l-elementi tar-reat inklużi fl-ewwel (1) imputazzjoni. Apparti dan, din il-Qorti

taqbel mal-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet hekk (*a fol.* 344-345):

> "[...L]-imputat poġġa lilu nnifsu fil-posizzjoni tal-mandant li akkwista d-droga mhux biss għalih, iżda wkoll għal sħabu. Ma jnaqqas xejn minn dan il-fatt illi seta' mar ħaddieħor minfloku, iżda dakinhar inzerta mar hu. Anzi jidher illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat akkwista d-droga għal sħabu għaliex huwa stess jaċċenna għall-fatt li f'okkażjoni preċedenti kien mar hu wkoll, akkumpanjat minn membru ieħor fil-grupp. Evidentement, fl-istess posizzjoni tqiegħed kull min xi darba jew oħra mar jakkwista d-droga għal sħabu, bl-intiża *a priori* li huwa ma kienx qed jixtri d-droga sempliċiment għalih, iżda li kien qiegħed jakkwista wkoll għal sħabu. Effettivament, fil-każ odjern id-difiża lanqas ittentat tressaq il-quddiem id-difiża tat-traffikar *by sharing* u dan għaliex f'dan ir-rigward, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din ma treġix fuq żewġ binarji; fl-ewwel lok, kif ingħad l-imputat akkwista d-droga *a priori* għal ħaddieħor u mhux għalih biss u fit-tieni lok, tali droga ma ġietx jew ma kinitx ser tiġi kkunsmata fl-istess lok u fl-istess ħin. Għalkemm il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx li parti minnha ġiet hekk ikkunsmatha, biss jirriżulta ċar illi kulħadd ħa s-sehem tiegħu u telaq 'l hemm, tant illi dak li kien fadal mir-raża li kienet tifforma parti mis-sapuna li prokura l-imputat lil sħabu, instabet għand id-diversi membri tal-grupp individwalment u separatament.
>
> Fatti dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi dan ma kienx każ ta' sempliċi ko-akkwist, iżda fil-jiem ta' qabel l-1 ta' Awwissu 2007, l-imputat irrenda ruħu ħati ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* meta akkwista d-droga mhux biss għalih, iżda għal u għan-nom ta' sħabu. Għaldaqstant, l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata."

Meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq għandu jsegwi li l-ewwel aggravju għandu jkun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni ħażina u/jew applikazzjoni inkompleta tal-liġi meta sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni minħabba li jisħaq li dak li seta' irriżulta kien il-pussess aggravat tal-*cannabis* (li mhux akkużat bih) u mhux it-traffikar. Jargumenta li l-fatti li bihom kien mixli juru li kien każ ta' responsabilita' kumulattiva tiegħu u tal-ħbieb tiegħu li b'mod kunċertat kienu fasslu u attwaw pjan kriminuż intiż sabiex jixtru d-droga minn terzi, pussess illegali ta' droga u abbuż ta' droga fuq livell individwali u personali

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju jorbot sfiq mal-ewwel aggravju u b'hekk, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad taħt l-ewwel aggravju u tapplikah hawn. Kif ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza jirriżulta ampjament ir-rwol tal-appellant bħala mandant għax-xiri tad-droga u li konsegwentement ma jirriżultax dak li jgħid fir-rigward tal-fatt li messu nstab ħati ta' pussess aggravat. B'hekk anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu kienet waħda eċċessiva. Jagħmel riferenza għad-dewmien eżaġerat fil-proċeduri kontra tiegħu u jirriżerva li jqanqal kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali. Jitlob li din il-Qorti tassumi r-rwol ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiemha fis-16 ta' Jannar 2024, il-konsulent legali tal-appellant informa lil din il-Qorti li ma kienx bi ħsiebu jqajjem kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali. Dwar dan, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet b'dan illi fir-rigward tat-talba tal-appellant

sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, din il-Qorti tinnota li effettivament din il-Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 359 *et seq.*), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 382 *et seq.*) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti kif preseduta li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess (*a fol.* 411). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravju in eżami.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitat fil-konfront tal-appellant li ġew ippruvati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li hija waħda kważi kompletament nadifa;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2007 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa (*a fol.* 198 *et seq.*) u dak li jirriżulta mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "CB" - *a fol.* 200 *et seq.*) redatt minnha fil-konfront tal-appellant;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta mill-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa (*a fol.* 376 *et seq.*), minn Dr. John Zammit Montebello (*a fol.* 379 *et seq.*), u kif ukoll mid-depożizzjoni mogħtija minn Dr. Roberta Holland (*a fol.* 395 *et seq.*) u mir-rapport (*a fol.* 384 *et seq.*) redatt minnha;

- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu pendenti quddiem il-Qorti hija dik odjerna (*a fol.* 415);

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti kif preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant fejn huwa għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta'

priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-tielet aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Shawn Borg u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950) u fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas minnu f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), b'dan illi l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum u jiġi speċifikat illi jekk huwa jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant ġie kkundannat iħallas is-somma ta' mija, disgħa u tletin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€139.46) li għandha titħallas fi żmien xahar millum;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat ir-rilaxx tal-flus kontanti eżebiti bħala parti minn Dok. "NC 1" u fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita u tal-oġġetti relatati mad-droga u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi Proċess Verbal;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellant instab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**